***Worksheet* Ċ6.3.2**
Nagħmlu differenza bejn prodotti li jiġġeneraw ħafna skart u oħrajn li ma joħolqux skart.

**A: Wieġeb bil-għajnuna tal-istampa.**



1. L-istampa qiegħda tħajjarna nixtru prodott lest. X'qed tħajjarna nixtru?

___________________________________________

___________________________________________

2. Fl-istampa nistgħu naraw frott differenti li jagħti togħmiet differenti lil dan il-prodott. Semmi żewġ togħmiet differenti.

(a) _______________________________________

(b) _______________________________________

3. X'inhu l-iktar komdu jew l-eħfef, nixtru flixkun bil-meraq (*juice*) tal-frott lest jew nixtru l-frott frisk u nagħsruh aħna? Għaliex?

___________________________________________

___________________________________________

4. Għaliex il-frott frisk huwa ħafna iktar tajjeb għal saħħitna minn frott fil-fliexken?

___________________________________________

___________________________________________

5. Jekk nieklu l-frott frisk, bħala skart jibqgħalna l-____________________ x'narmu, filwaqt li jekk nixtru l-fliexken tal-*juice* lesti bħala skart ikollna l-______________________________ tal-________________________ li jagħmlu ħafna iktar ħsara lill-ambjent ta' madwarna.

6. Għaliex il-qxur tal-frott ma jagħmilx ħsara lill-ambjent?

___________________________________________

___________________________________________

**B: Aqra, imbagħad wieġeb.**



kontenitur **A**



kontenitur **B**

Ta' kuljum Francesca tieħu l-lanċ l-iskola f'kontenitur A. Fil-bidu tas-sena skolastika hija marret m'ommha sas-supermarket u xtraw kaxxa kontenituri tal-plastik bi ftit flus. Isibuhom komdi ħafna għax jiffrankaw li joqogħdu jaħslu l-kontenitur meta Francesca tmur id-dar. Fil-fatt Francesca tarmi l-kontenitur użat fil-*bin* tal-iskola u l-għada tieħu kontenitur ġdid.

Mario ~~ella~~ juża kontenitur B għal-lanċ. Huwa jġorru mimli bil-lanċ lejn l-iskola u jieħdu lura d-dar vojt kuljum. X'ħin jasal id-dar jaħslu mill-ewwel bil-lest għall-għada. B'din is-sistema, Mario qatt ma jarmi xejn fil-*bin* tal-iskola. Għalkemm nefaq ftit iżjed minn Francesca biex xtrah jista' jdum jużah għal ħafna żmien.

1. Agħti żewġ raġunijiet għalfejn Francesca għandha tagħmel bħal Mario.

   (a) ____________________________________________

   ____________________________________________

   (b) ____________________________________________

   ____________________________________________

2. Semmi żewġ modi oħra kif nistgħu nevitaw li noħolqu skart għalxejn meta mmorru nixtru.

   (a) ____________________________________________

   ____________________________________________

   (b) ____________________________________________

   ____________________________________________